MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

SEDUTA NUMRU 16

IL-ĠIMGĦA 23 TA' OTTUBRU 2009 FIL-5.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 15 ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku ipproponiet li dawn jiġu approvati wara li ġew emendati. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M.Pisani

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit irreveda l-*bill of quantities* tal-proġett tal-junction u kkonferma r-rati kkwotati. Għaldaqstant il-MEPA ġew infurmati b'dan u se jinbeda' l-proċess biex isir l-iffirmar tal-kuntratt. Dwar ix-xogħlijiet infrastrutturali involuti s-Sindku ħadet l-inkarigu li titkellem mad-Dipartiment biex jiġi stabbilit dawn jistgħux isiru mill-ħaddiema tal-Gvern.

ii Is-Sindku nfurmat li l-laqgħa mal-Inġinier Curmi dwar il-*voltaic panels* se ssir fil-jiem li ġejjien.

iii Dwar il-proġett tal-bankini s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Dipartiment ta' l-Infrastruttura għadu ma' bagħtx ir-rati tax-xogħol li se jsir mill-ħaddiema. Hlja qalet li tkellmet mas-Sur Philip Bugeja dwar dan u anke dwar il-possibilta' li ċertu xogħolijiet isiru s-Sibt biex ma jkunx hawn ħafna karozzi pparkjati. Il-Kunsill qabel ma dan.

iv Is-Sindku rreferiet għal-proġett tar-*roundabout* u qalet li x-xogħolijiet fuq din il-parti tal-proġett jistgħu jibdew immedjatament u għalhekk ipproponiet li ssir sejħa għall-offerti skond l-ispeċifikazzjonijiet li għamel il-perit. Il-Viċl Sindku A. Farrugia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

iv Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra tal-ADT dwar li-*speed limit*. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li fi Triq il-Prinċipessa Margerita tkun ta' 35km u fi Triq Abate Rigord tkun 40km.

Antoinette Vassallo — Marisa Pisani
Sindku — Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli ...)

v Dwar il-*yellow bay* li saret fix-Xatt biex tintuża mis-*sightseeing buses* is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għad m'hemm l-ebda risposta dwar il-każ mid-Direttorat tat-Trasport.

vi Dwar *pontoons* temporanji il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ippreżenta kopja tal-petizzjoni għall-ispezzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku nfurmat li hi rċeviet ittra mingħand is-Sur Meli fejn dan fost affarijiet oħra nforma l-Kunsill li l-maġġoranza tal-firmatarji ma qablux li kopja tal-petizzjoni tingħata lil Kunsill. Huwa nfurmat wkoll li dan ġie kkonfermat lilu meta ħa parir mid-*Data Protection Unit* dwar il-każ.

vii Dwar il-proposta tal-Kunsillier F. Roe li ssir bozza ġdida fi Triq id-Deffa kantuniera ma Triq il-Maskli ġie rrappurtat li jekk il-bozza eżistenti tersaq ftit ma jkunx hemm għalfejn issir waħda ġdida peress li b'hekk iż-żona kollha tkun imdawwla. Il-Kunsillier E. Muscat ġibed l-attenzjoni li hu kien talab ukoll li tiddawwal iktar l-area fi Triq Alfred Craig. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tikkuntattja lill-kuntrattur dwar dan.

viii Dwar id-devoluzzjoni ta' l-art fix-Xatt is-Sindku nfurmat li l-art ingħatat lill-Kunsill Malti għall-Isport permezz ta' Avviż Legali u mhux b'riżoluzzjoni tal-Parlament. Hija nfurmat ukoll li dwar il-laqgħa għad m'hemm l-abda risposta pero' dawn bagħta korrispondenza biex jiskużaw ruħhom għad-dewmien.

x Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li saru diversi lmenti dwar persuni li qed joħorġu l-klieb u jħammġu l-bankini. Hija qalet li rrappurtat lill-MEPA dwar dan u talbet li jsiru spezzjonijiet fil-Lokalita'. Il-Kunsill qabel ma dan u ġew identifikati l-ħinijet meta dawn għandhom isiru.

xi Dwar il-problema tal-iskema tal-ipparkjar fi Triq il-Prinċipessa Margerita li hija maqsuma bejn il-Kunsill tagħna u dik ta' l-Imsida. Is-Sindku rrapurtat li diġa tkellmet mas-Sindku ta' l-Imsida u ġie deċiż li ssir laqgħa bejn iż-żewġ partijiet biex tinstab soluzzjoni.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku ppreżentat rapport dwar il-ħlasijiet dovuti għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff għal-perjodu Lulju – Diċembru 2008. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan reġa' ġie iċċekjat mit-taqsima tal-*customer care* u l-*accounts.*Il-Kunsill approva l-pagament ta' Euros1014.56.

ii Is-Sindku nfurmat li l-EUPA infurmat lill-Kunsill li mill-bilanċ ta' 20% li jammonta għal Euros4429, l-Kunsill se jieħu s-somma ta' Euros661.88. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi staqsiet għal spjegazzjoni dwar id-differenza fl-allokazzjoni u qrat ir-risposta li bagħat is-Sur Rogers, Uffiċċjal Finanzjarju tal-EUPA.

iii Is-Sindku qrat l-ittra ta' l-Avukat Mario Mifsud Bonnici li kiteb għan-nom tas-Sur Carmelo Borg dwar l-offerta tiegħu għas-servizz ta' *contract manager.* Hija qalet li din l-ittra nkitbet meta l-offerent l-anqas kien għadu rċieva mill-Kunsill l-ittra li l-offerta tiegħu ma ġietx aċċettata. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi mwieġba mill-Avukat.

iv Is-Sindku rreferiet għall-korrispondenza mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport dwar il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Hija qalet li nfurmat lill-uffiċjal inkarigat li l-Kunsill mhux se jsib oġġezzjoni li jqassam il-*flyers* fir-residenzi biex min hu nteressat japplika.

v Is-Sindku rreferiet għall-emendi tal-Att tal-Kunsilli Lokali li ġew ippublikati aktar kmieni dan ix-xahar. Hija qalet li dawn se jiġu mplimentati ftit ftit permezz ta' Avviżi Legali jew permezz ta' memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Hija qalet ukoll li in vista ta' dan se tagħmel reviżjoni tad-dekasteri fil-laqgħa li jmiss.

vi Is-sindku rrappurtat dwar l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-LES. Hija qalet li, peress li se jkun hemm tibdil fil-kompożizzjoni tal-Kumitat minħabba t-twaqqif tar-Reġjuni, ċertu affarijiet fosthom l-*accounts* qed jiġu konklużi bi preparazzjoni għal dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli …)

vii Is-Sindku nfurmat bil-laqgħa li saret mas-Sur Anton Camilleri s-sid tal-iżvilupp li qed isir fix-Xatt kantuniera ma Triq Abate Rigord. HIja qalet li tkellmet miegħu dwar il-flus dovuti lill-Kunsill u anke dwar il-kostruzzjoni ta' bankina temporanja biex jitneħħa l-periklu. Hija nfurmat li s-Sur Camilleri wera rieda tajba u diġa' lesta x-xogħlijiet tal-bankina u lest li jekk jingħata skont ieħor iħallas immedjatament Euros10,000 bħala *full and final settlement*. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament ma dan.

x Is-Sindku rreferiet għall-mozzjoni li għamel il-Kunsillier A. Cachia Castelletti. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti għamel *point of order* u qal li huwa bl-ebda mod b'dak li kiteb ma jrid ifisser li xi persuni għandhom jiċċaqalqu mill-impjieg. Is-Sindku qalet li din ma tistax titqies bħala mozzjoni peress li m'hix skond l-ordnijiet permanenti ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Hija qalet ukoll li din hija kwestjoni ta' amministrazzjoni li taqa' taħt il-kompetenza tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Rigward il-vot ta' sfiduċja fis-Sindku hemm proċedura provduta fl-istess Att li trid tiġi segwita. Hija nfurmat ukoll li l-Viċi Sindku A. Farrugia u l-Kunsillier F. Roe diġa' esprimew l-opinjoni tagħhom dwar din il-materja permezz ta' ittra fejn dawn urew il-fiduċja u l-appoġġ tagħhom kemm mas-Sindku kif ukoll mas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qrat din l-ittra għall-informazzjoni ta' dawk preżenti. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv taw struzzjonijiet ġodda u l-Kunsilliera ma kienux jafu bihom. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn ma kienux struzzjonijiet ġodda iżda sempliċiment infurzat proċeduri li jaqgħu fil-kompetenza tagħha biex jiġi żgurat li inċidenti li ġraw fil-passat ma jirrepetux ruħhom. Hija nfurmat ukoll li dwar dan il-każ infurmat b'kollox lid-Direttur tal-Gvern Lokali u qrat l-ittra mingħandu li tikkonferma li s-sigurta' tal-assi tal-Kunsill inkluż l-uffiċini taqa' f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv. F'dan l-istadju s-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li anke minħabba inċidenti oħra li ġraw li kienu jinvolvu flejjes, fit-taqsima tal-*customer care* infetħet tieqa fil-kurudur biex wieħed ikun jista' jinqeda' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jidħol fl-uffiċċju. Hija talbet ukoll li l-Kunsilliera l-oħra jiddikjaraw jekk għandhomx fiduċja fiha. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera l-oħra jiddikjaraw dan. Il-Kunsillier E. Muscat qal li hu m'għandux problemi jekk l-affarijiet jibqgħu kif inhuma. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li la s-Segretarju Eżekttiv ikkonfermat li m'hemm ebda direttiva bil-miktub mhux jistenna li din tiġi irtirata bil- miktub.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrefera għall-bins tax-Xatt u qal li ħafna minnhom jinsabu bla għatu. Is-Sindku qalet li kemm il-contract manager kif ukoll hija personali kemm il-darba ġibdu l-attenzjoni tal-Kuntrattur dwar dan peress lid an mhux jagħlaq biċ-ċavetta l-għotjin meta jbattalhom. Ġie deċiż li terġa' tinkiteb ittra dwar din il-materja lill-Kuntrattur u l-ispejjes involuti jitnaqqsu mill-garanzija bankarja.

ii Il-Kunsilliera F. Roe u E. Muscat talbu li jitwaħħlu tabelli biex jinżamm l-ambjent nadif ħdejn il-bring-in-sites. Il-Kunsill approva li jiġu ordnati aktar tabelli minn dawn.

iii Saru diversi lmenti u suġġerimenti mill-Kunsilliera lit tieħdet nota tagħhom biex tittieħed azzjoni.

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti kif ukoll il-*petty cash*.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-7.30pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 17 ta' Novembru 2009 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv